SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

20 ta' Diċembru 2017*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tariffa doganali komuni – Kodiċi Doganali – Artikolu 29 – Determinazzjoni tal-valur doganali – Tranżazzjonijiet transkonfinali bejn kumpanniji relatati – Ftehim bil-quddiem dwar prezzijiet ta' trasferiment – Prezz ta' trasferiment miftiehem li jikkonsisti minn ammont inizjalment fatturat u korrezzjoni b'rata fissa magħmula wara t-tmiem tal-perijodu tal-fatturazzjoni"

Fil-Kawża C-529/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Finanzgericht München (il-Qorti tal-Finanzi ta' München, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Settembru 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Ottubru 2016, fil-proċedura

**Hamamatsu Photonics Deutschland GmbH**

vs

**Hauptzollamt München**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, J. C. Bonichot, A. Arabadjiev, S. Rodin u E. Regan (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Tanchev,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' Settembru 2017,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Hamamatsu Photonics Deutschland GmbH, minn G. Eder, u J. Dehn, Rechtsanwälte,

– għall-Hauptzollamt München, minn G. Rittenauer u M. Uhl kif ukoll minn G. Haubner, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Wasmeier u B. R. Killmann, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 213, 28 sa 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 82/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 8, p. 179) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Hamamatsu Photonics Deutschland GmbH (iktar 'il quddiem "Hamamatsu") u l-Hauptzollamt München (l-Uffiċċju tad-Dwana Prinċipali ta' München, il-Ġermanja), wara r-rifjut ta' dan tal-aħħar li jwettaq ir-rimbors parzjali tad-dazji doganali u mħallsa minn Hamamatsu.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Il-Kodiċi Doganali*

3 L-Artikolu 28 tal-Kodiċi Doganali jipprevedi li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 3 tal-imsemmi kodiċi jistabbilixxu "l-valur doganali għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni tat-Tariffa Doganali tal-Komunitajiet Ewropej u miżuri mhux tat-tariffa stipulati bid-dispożizzjonijiet tal-Komunità li jirregolaw oqsma speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma' kummerċ ta' merkanzija".

4 L-Artikolu 29(1) tal-Kodiċi Doganali jipprevedi li:

"Il-valur doganali ta' merkanzija importata għandu jkun il-valur tat-transazzjoni, jiġifieri, il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija meta tinbiegħ għall-esportazzjoni lit-territorju doganali tal-Komunità, aġġustat, fejn ikun meħtieġ, skont l-Artikoli 32 u 33, sakemm:

a) ma jkun hemm ebda restrizzjoni dwar kif ix-xerrej jeħles minn jew juża l-merkanzija, ħlief restrizzjonijiet li:

   – huma imposti jew meħtieġa b'liġi jew mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Komunità,

   – jillimitaw iż-żona geografika li fiha l-merkanzija tista'terġa tinbiegħ,

   jew

   – ma jaffettwawx sostanzjalment il-valur ta' l-oġġetti;

b) il-bejgħ jew il-prezz m'huwiex soġġett għal xi kondizzjoni jew konsiderazzjoni li għaliha ma jistax ikun determinat valur rigward il-merkanzija li tkun qed tiġi valutata;

ċ) ebda parti tad-dħul minn xi bejgħ mill-ġdid sussegwenti, jew minn kif jiddisponi minnha [jittrasferixxi]] jew juża l-merkanzija x-xerrej ma tmiss direttament jew indirettament lill-bejjiegħ, ħlief meta jista' jsir aġġustament xieraq skond l-Artikolu 32"

u

d) li x-xerrej u l-bejjiegħ ma jiġux minn xulxin, jew, fejn ix-xerrej u l-bejjiegħ jiġu minn xulxin [huma relatati], dak il-valur tat-transazzjoni huwa aċċettabbli għall-iskopijiet doganali taħt il-paragrafu 2".

5 Skont l-Artikolu 29(2) ta' dan il-kodiċi:

"a) Waqt li jkun qed jiġi stabbilit jekk valur ta' transazzjoni huwiex aċċettabbli għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, il-fatt li x-xerrej u l-bejjiegħ jiġu minn xulxin m'għandux fih innifsu jkun raġuni suffiċjenti biex il-valur tat-transazzjoni jitqies bħala mhux aċċettabbli. Fejn ikun meħtieġ, iċ-ċirkostanzi wara l-bejgħ għandhom jiġu eżaminati u l-valur tat-transazzjoni għandu jiġi aċċettat sakemm ir-relazzjoni ma tkunx influwenzat il-prezz. […]

b) F'bejgħ bejn persuni li jiġu minn xulxin, il-valur tat-transazzjoni għandu jiġi aċċettat u l-merkanzija stmata skond il-paragrafu 1 kull fejn min jagħmel id-dikjarazzjoni juri li dak il-valur jersaq qrib ħafna ta' waħda mis-segwenti li jiġru fl-istess ħin jew kważi:
   i) il-valur tat-transazzjoni fil-bejgħ, bejn xerrejja u bejjiegħa li ma jiġux minn xulxin f'xi każ partikolari, ta' merkanzija identika jew simili għall-esportazzjoni lejn il-Komunità;
   ii) il-valur doganali ta' merkanzija identika jew simili, kif stabbilit taħt l-Artikolu 30(2)(ċ);
   iii) il-valur doganali ta' merkanzija identika jew simili, kif stabbilit taħt l-Artikolu 30(2)(d);

   Waqt li jsiru t-testijiet [applikati l-kriterji] hawn fuq imsemmija, għandhom ikunu kkonsidrati id-differenzi li jidhru f'livelli kummerċjali, livelli ta' kwantità, l-elementi enumerati fl-Artikolu 32 u spejjeż li ntefqu mill-bejjiegħ f'bejgħ li fih hu u x-xerrej ma jiġux minn xulxin u fejn dawk l-ispejjez ma gewx minfuqa mill-bejjiegħ f'bejgħ li fih hu u x-xerrej jiġu minn xulxin.

ċ) It-testijiet imsemmija fil-subparagrafu (b) għandhom jiġu wżati fuq l-inizjattiva ta' min jagħmel id-dikjarazzjoni u għal skopijiet ta' paragun biss. Valuri sostituti ma jistgħux jiġu stabbiliti taħt l-imsemmi subparagrafu."

6 L-Artikolu 29(3)(a) tal-imsemmi regolament jipprevedi:

"Il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas huwa l-ħlas totali li jkun sar jew li ser isir mix-xerrej lil jew għall-benefiċċju tal-bejjiegħ għall-merkanzija importata u jinkludi l-ħlasijiet kollha li jkunu saru jew li jkunu dovuti bħala kondizzjoni tal-bejgħ tal-merkanzija impurtati mix-xerrej lill-bejjiegħ jew mix-xerrej lil terz persuna biex jissodisfa obbligazzjoni tal-bejjiegħ. Il-ħlas mhux bilfors ikun

f'forma ta' trasferiment ta' flus. Ħlas jista' jsir permezz ta' ittri ta' kreditu jew strument negozjabbli u jista' jsir direttament jew indirettament."

7 L-Artikolu 30(1) tal-istess kodiċi jistabbilixxi:

"Fejn il-valur doganali ma jistax jiġi stabbilit taħt l-Artikolu 29, għandu jiġi stabbilit billi timxi sekwenzjalment minn subparagrafi (a), (b), (ċ) u (d) tal-paragrafu 2 għall-ewwel subparagrafu li taħtu jista' jiġi stabbilit, bla ħsara għall-kondizzjoni li l-ordni ta' l-applikazzjoni tas-subparagrafi (ċ) u (d) għandu jinqaleb jekk min ikun għamel id-dikjarazzjoni jitlob hekk; huwa biss meta tali valur ma jistax jiġi stabbilit taħt subparagrafu partikolari li jistgħu jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu li jkun imiss f'sekwenza stabbilita bis-saħħa ta' dan il-paragrafu.

[…]"

8 L-Artikolu 31(1) tal-Kodiċi Doganali jipprevedi:

"Fejn il-valur doganali ta' merkanzija importata ma jistax jiġi stabbilit taħt l-Artikoli 29 jew 30, għandu jiġi stabbilit, skont il-bażi ta' data disponibbli fil-Komunità, bl-użu ta' mezzi raġonevoli konsistenti mal-prinċipji u dispożizzjonijiet ġenerali ta':

– il-ftehim dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994,

– L-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994,

[u],

– id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu."

9 L-Artikolu 32 ta' dan il-kodiċi jipprevedi:

"1. Waqt li jkun qed jiġi stabbilit il-valur doganali taħt l-Artikolu 29, għandu jiżdied mal-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija importata:

a) li ġejjin, sal-punt li jkunu ġew inkorsi mix-xerrej iżda m'humiex inklużi fil-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija:
   i) kummissjonijiet u senserija, minbarra kummissjonijiet tax-xiri,
   ii) il-prezz ta' kontenituri li jiġu kkunsidrati bħala ħaġa waħda, għall-iskopijiet doganali, mal-merkanzija kkonċernata,
   iii) il-prezz ta' l-ippakkjar, sew jekk xogħol jew materjali;

b) il-valur, imqassam kif xieraq, tal-merkanzija u servizzi fejn provduti direttament jew indirettament mix-xerrej mingħajr ħlas jew bi prezz imraħħas għall-użu fir-rigward tal-produzzjoni u bejgħ għall-esportazzjoni ta' merkanzija importanti, sal-punt illi dak il-valur ma jkunx ġie inkluż fil-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas:
   i) materjali, komponenti, partijiet u oġġetti simili inkorporati fil-merkanzija importata;
   ii) għodda, forom u oġġetti simili wzati fil-produzzjoni tal-merkanzija importata;
   iii) materjali kkonsmati fil-produzzjoni tal-merkanzija importata;
   iv) inġinerija, żvilupp, illustrazzjoni, xogħol ta' disinn, u pjanti u abbozzi, magħmula f'post iehor barra l-Komunità u meħtieġa għall-produzzjoni tal-merkanzija importata;

ċ) drittijiet ta' l-awtur u drittijiet ta' liċenzji li għandhom x'jaqsmu mal-merkanzija li qed tkun stmata li x-xerrej għandu jħallas, direttament jew indirettament, bħala kondizzjoni tal-bejgħ tal-merkanzija li qed tkun stmata, sal-punt li dawk id-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet m'humiex inklużi fil-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas;

d) il-valur ta' xi parti mid-dħul minn xi bejgħ mill-ġdid, kif jiddisponu minn jew jużaw il-merkanzija li tmiss direttament jew indirettament lill-bejjiegħ;

e) i) l-ispejjeż tat-trasport u assigurazzjoni tal-merkanzija importata,

uii) it-tagħbija u spejjeż ta' l-immaniġġjar assoċjati mattrasport tal-merkanzija importata lejn il-post ta' l-introduzzjoni fit-territorju doganali tal-Komunità.

2. Żidiet fil-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għandhom isiru taħt dan l-Artikolu biss skond il-bażi ta' data oġġettiva u li tista' tiġi kwantifikata.

3. Ebda żieda m'għandha ssir fil-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas waqt li jkun jkun qed jiġi stabbilit il-valur doganali ħlief kif ipprovdut f'dan l-Artikolu.

[…]"

10 L-Artikolu 33 tal-imsemmi kodiċi jipprevedi:

"Sakemm jintwerew separatament mill-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas, is-segwenti m'għandhomx jiġu inklużi fil-valur doganali:

a) spejjeż tat-trasport tal-merkanzija wara l-wasla tagħha fil-post ta' l-introduzzjoni fit-territorju doganali tal-Komunità;

b) spejjeż ta' kostruzzjoni, bini, immuntar, manutenzjoni jew assistenza teknika, assunta wara l-importazzjoni t'oġġetti impurtati bħal impjant industrijali, makkinarju jew apparat;

ċ) spejjeż ta' imgħax taħt arranġament ta' finanzjament konkluż mix-xerrej u li jkollu x'jaqsam max-xiri ta' merkanzija importata, mingħajr ma jittieħed każ ta' jekk il-finanzjament ikunx provdut mill-bejjiegħ jew xi persuna oħra, sakemm dak l-arranġament ta' finanzjament ikun sar bil-miktub u fejn meħtieġ, ix-xerrej jista' juri li:

– dik il-merkanzija effettivament inbiegħet bil-prezz dikjarat bħala l-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas,

u

– ir-rata ta' imgħax ikklejmjata ma teċċedix il-livell għal tali transazzjonijiet li jipprevalu fil-pajjiż fejn, u fiż-żmien meta, il-finanzjament kien ingħata;

d) ħlasijiet għad-dritt tar-riproduzzjoni ta' merkanzija impurtata fil-Komunità;

e) kummissjonijiet tax-xiri;

f) dazji fuq l-importazzjoni jew ħlasijiet oħra li għandhom jitħallsu fil-Komunità minħabba l-importazzjoni jew bejgħ talmerkanzija."

11 Skont l-Artikolu 78 tal-istess kodiċi:

"1. L-awtoritajiet doganali jistgħu, fuq inizjattiva tagħhom jew fuq talba ta' min jagħmel id-dikjarazzjoni, jemendaw id-dikjarazzjoni wara l-ħelsien tal-merkanzija.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu, wara li jeħilsu l-merkanzija u sabiex jissodisfaw ruħhom li d-dettalji li jinsabu fid-dikjarazzjoni huma eżatti, jispezzjonaw id-dokumenti kummerċjali u data li għandha x'taqsam ma' l-operazzjonijiet ta' importazzjoni u esportazzjoni fir-rigward tal-merkanzija konċernata jew operazzjonijiet kummerċjali sussegwenti li jinvolvu dik il-merkanzija. Spezzjonijiet bħal dawk jistgħu jsiru fil-post tad-dikjarant, ta' kull persuna oħra direttament jew indirettament involuta f'dawk l-operazzjonijiet f'kapaċità kummerċjali jew ta' kull persuna oħra li jkollha f'idejha d-dokument u d-data imsemmija għal skopijiet kummerċjali. Dawk l-awtoritajiet jistgħu ukoll jeżaminaw il-merkanzija meta jkun għadu possibbli li din tkun prodotta.

3. Fejn reviżjoni tad-dikjarazzjoni jew eżami wara l-ħelsien tal-merkanzija jindika illi d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura ta' dwana involuta ġew applikati fuq il-bażi ta' informazzjoni skorretta jew mhux sħiħa, l-awtoritajiet doganali għandhom, skont kull dispożizzjoni stipulata, jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jirregolarizzaw is-sitwazzjoni, wara li tkun ikkunsidrata l-informazzjoni ġdida disponibbli għalihom."

*Ir-Regolament ta' Implementazzjoni*

12 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3) kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 881/2003 tal-21 ta' Mejju 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 13, p. 310) (iktar 'il quddiem ir-"Regoplament ta' Implementazzjoni), jipprevedi fis-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 2, intitolat, "Dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera", tal-Kapitolu IX, intitolat "Proċedura ta' dikjarazzjoni simplifikata", id-dispożizzjonijiet applikabbli għad-dikjarazzjonijiet inkompleti. L-Artikolu 256(1) tar-Regolament ta' Implementazzjoni jipprevedi:

"It-terminu mogħti mill-awtoritajiet doganali lid-dikjarant għall-komunikazzjoni ta' dettalji jew il-preżentazzjoni ta' dokumenti nieqsa meta d-dikjarazzjoni kienet aċċettata ma jistax ikun itwal minn xahar mid-data ta' din l-aċċettazzjoni.

Fil-każ ta' dokument meħtieġ biex tiġi applikata rata mnaqqsa jew rata żero ta' dazju fuq l-importazzjoni, fejn l-awtoritajiet doganali għandhom raġunijiet biżżejjed biex jaħsbu li l-merkanzija koperta b'dikjarazzjoni mhux kompluta tista' tikkwalifika għal tali rata mnaqqsa jew rata żero ta' dazju fuq l-importazzjoni, jista' jingħata perjodu itwal minn dak kontemplat fl-ewwel paragrafu, fuq talba tad-dikjarant, jista' jingħata għall-produzzjoni tad-dokument, jekk jkun ġustifikat fiċ-ċirkostanzi. Dak il-perjodu ma jistax jeċċedi l-erba' xhur mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni. [Ma jistax jiġi pprorogat.]

Meta d-dettalji neqsin għandhom jiġu kkomunikati jew dokumenti ippreżentati jikkonċernaw valur doganali, l-awtoritajiet doganali jistgħu, meta dan ikun assolutament neċessarju, jistabilixxu terminu itwal jew jestendu it-terminu stabbilit qabel. Il-terminu totali permess għandu jieħu kont tat-termini preskritti fis-seħħ."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

13 Hamamatsu, kumpannija stabbilita fil-Ġermanja, tagħmel parti minn grupp ta' kumpanniji attivi fil-livell dinji, fosthom il-kumpannija omm tagħha, Hamamatsu Photonics, li hija stabbilita fil-Ġappun. Hamamatsu tqassam, b'mod partikolari, tagħmir, sistemi u aċċessorji optoelettroniċi.

14 Din tal-aħħar xtrat merkanzija importata mill-kumpannija omm tagħha li bagħtitlha l-fattura, għal din il-merkanzija, bi prezzijiet intragrupp, skond il-ftehim minn qabel dwar il-prezz tat-trasferiment, konkluż bejn l-imsemmi grupp ta' kumpanniji u l-awtoritajiet fiskali Ġermaniżi. Is-somma tal-ammonti ffatturati lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali mill-kumpanija omm tagħha ġiet ivverifikata regolarment u, jek ikun il-każ, ikkoreġuta, sabiex jiġi żgurat li l-prezzijiet tal-bejgħ jikkonformaw mal-prinċipju ta' kompetizzjoni sħiħa previst mill-Organizzazzjoni ta' Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) applikabbli fil-qasam tal-prezzijiet ta' trasferiment għal impriżi multinazzjonali u l-amministrazzjonijiet fiskali (iktar 'il quddiem il-"prinċipji tal-OECD").

15 Il-qorti tar-rinviju, il-Finanzgericht München (il-Qorti tal-Finanzi ta' München, il-Ġermanja), tispjega li din il-verifika tiżvolġi f'diversi stadji, abbażi tal-metodu msejjaħ "tat-tqassim tal-profitt residwali" ("Residual Profit Split Method"), li huwa konformi mal-prinċipji tal-OECD. Fl-ewwel lok, kull

parteċipant jirċievi profitt biżżejjed sabiex jippermettilu li jikseb qligħ minimu. Il-profitt residwali jkun, għalih, suġġett għal tqassim proprzjonali. Fit-tieni lok, firxa ta' għan ta' marġni operattiv ("Operating Margin") tkun stabbilita lil Hamamatsu. Jekk ir-riżultat effettivament miksub ikun barra mill-firxa ta' għan, ikun, permezz ta' aġġustament, allinjat mal-limitu massimu jew minimu tal-firxa u jsiru aġġustamenti ta' kreditu jew ta' debitu.

16 Bejn is-7 ta' Ottubru 2009 u t-30 ta' Settembru 2010, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għamlet f'ċirkulazzjoni libera diversi merkanzija ġejja minn aktar minn 1 000 kunsinna magħmula mill-kumpanija omm tagħha, billi ddikjarat valur doganali li jikkorrispondi għall-prezz tal-fattura. Il-merkanzija taxxabbli kienet soġġetta għal rati ta' bejn 1.4 % u 6.7 %.

17 Peress li, matul dan il-perijodu, il-marġni operattiv tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienet inqas mill-firxa ta' għan stabbilita, il-prezzijiet tat-trasferiment ġew aġġustati konsegwentement. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għaldaqstant irċeviet kreditu fl-ammont ta' EUR 3 858 345.46.

18 Fid-dawl tal-aġġustament *a posteriori* tal-prezzijiet ta' trasferiment, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, b'ittra tal-10 ta' Diċembru 2012, talbet ir-rimbors tad-dazji doganali għall-merkanzija importata, għal ammont ta' EUR 42 942.14. L-ammont tal-aġġustament bejn il-merkanzija importata differenti ma tqassamx.

19 L-uffiċċju prinċipali tad-dwana ta' München ċaħad din it-talba għar-raġuni li l-metodu adottat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kien inkompatibbli mal-Artikolu 29(1) tal-Kodiċi Doganali, li jirrigwarda l-valur ta' tranżazzjoni tal-merkanzija partikolari u mhux dik tal-kunsinni mħallta.

20 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

21 Din tal-aħħar tqis li l-kont finali jikkostitwixxi l-prezz tat-trasferiment finali, stabbilit skont il-prinċipju ta' kompetizzjoni sħiħa previst mill-prinċipji tal-OECD. Ma jkun hemm l-ebda interess li l-prezz ta' trasferiment ikun ibbażat biss fuq il-prezz li jidher provviżorjament fil-kuntest ta' ftehim minn qabel ta' prezz ta' trasferiment konkluż mal-awtoritajiet fiskali, li ma kienx jirrifletti l-valur reali tal-merkanzija importata. Għaldaqstant, il-prezz iddikjarat lill-awtoritajiet doganali kien ikkostitwixxi biss prezz fittizju, u mhux prezz "li għandu jitħallas" għall-merkanzija importata, skont l-Artikolu 29 tal-Kodiċi Doganali.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Finanzgericht München (il-Qorti tal-Finanzi ta' München, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tgħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 28 *et seq*. tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Novembru 2000, jippermettu li jinżamm bħala l-valur għal skopijiet doganali, permezz tal-applikazzjoni ta' ċavetta ta' tqassim, prezz ta' trasferiment miftiehem li jikkonsisti f'ammont inizjalment mitlub u ddikjarat u f'aġġustament b'rata fissa li saret wara t-tmiem tal-perijodu ta' fatturazzjoni, u dan irrispettivament minn jekk, fi tmiem dan il-perijodu, il-persuna kkonċernata kinitx is-suġġett ta' regolarizzazzjoni ta' debitu jew ta' kreditu?

2) Jista' il-valur għal skopijiet doganali jiġi eżaminat u stabbilit abbażi ta' kalkolu semplifikat meta huma rikonoxxuti l-effetti ta' aġġustamenti tal-prezzijiet mwettqa *a posteriori* (kemm 'il fuq u 'l isfel)?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

23 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 28 sa 31 tal-Kodiċi Doganali għandhomx jiġu interpretati fis-sens huma jippermettu li jitqies, bħal l-valur għal skopijiet doganali, valur ta' tranżazzjoni miftiehem li jikkonsisti, parzjalment, minn ammont inizjalment iffatturat u ddikjarat u, parzjalment, minn aġġustament b'rata fissa li jsir wara fi tmiem il-perijodu ta' fatturazzjoni, mingħajr ma jkun possibbli li jkun magħruf jekk, fi tmiem il-perijodu ta' fatturazzjoni, dan l-aġġustament ikunx sar 'il fuq jew 'l isfel.

24 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt tal-Unjoni dwar l-evalwazzjoni għal skopijiet doganali hija intiża sabiex tistabbilixxi sistema ekwa, uniformi u newtrali li teskludi l-użu ta' valuri doganali arbitrarji jew fittizzji. Il-valur għal skopijiet doganali għandu għaldaqstant jirrifletti l-valur ekonomiku reali ta' merkanzija importata u, għaldaqstant, għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha ta' din il-merkanzija li għandhom valur ekonomiku skont il-ġurisprudenza stabbilita (ara, f'dan is-sens is-sentenzi tas-16 ta' Novembru 2006, Compaq Computer International Corporation, C-306/04, EU:C:2006:716, punt 30; tas-16 ta' Ġunju 2016, Euro 2004. Hungary, C-291/15, EU:C:2016:455, punti 23 u 26, kif ukoll tad-9 ta' Marzu 2017, GE Healthcare, C-173/15, EU:C:2017:195, punt 30).

25 Skont l-Artikolu 29 tal-Kodiċi Doganali, il-valur għal skopijiet doganali tal-merkanzija importata huwa kkostitwit mill-valur ta' tranżazzjoni tagħha, jiġifieri l-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija meta din tinbiegħ għall-esportazzjoni lejn it-territorju doganali tal-Unjoni, bla ħsara madankollu għal aġġustamenti li għandhom isiru skont l-Artikoli 32 u 33 ta' dan il-kodiċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2013, Christodoulou *et*, C-116/12, EU:C:2013:825, punt 38, kif ukoll tas-16 ta' Ġunju 2016, EURO 2004. Hungary, C-291/15, EU:C:2016:455, punt 24).

26 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddikjarat li l-valur għall-skopijiet doganali għandu jiġi determinat, bħala prijorità, skont il-metodu msejjaħ "tal-valur ta' tranżazzjoni", skont l-Artikolu 29 tal-Kodiċi Doganali. Huwa biss jekk il-prezz attwalment imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija, meta din tinbiegħ għall-esportazzjoni, li hemm lok għal-użu tal-metodi sussidjarji previsti fl-Artikoli 30 u 31 ta' dan il-kodiċi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2013, Christodoulou *et*, C-116/12, EU:C:2013:825, punti 38, 41, 42 u 44, u tas-16 ta' Ġunju 2016, EURO 2004, Hungary, C-291/15, EU:C:2016:455, punti 24 u 27 sa 30).

27 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, għalkemm il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija jikkostitwixxi, bħala regola ġenerali, il-bażi ta' kalkolu tal-valur għal skopijiet doganali, dan il-prezz huwa fattur li għandu eventwalment jiġi aġġustat ġaladarba din l-operazzjoni hija neċessarja sabiex tiġi evitata d-determinazzjoni ta' valur għal skopijiet doganali arbitrarju jew fittizju (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 1986, Repenning, 183/85, EU:C:1986:247, punt 16; tad-19 ta' Marzu 2009, Mitsui & Co. Deutschland, C-256/07, EU:C:2009:167, punt 24; tat-12 ta' Diċembru 2013, Christodoulou *et*, C-116/12, EU:C:2013:825, punt 39, kif ukoll tas-16 ta' Ġunju 2016, EURO 2004. Hungary, C-291/15, EU:C:2016:455, punt 25).

28 Fil-fatt, il-valur ta' tranżazzjoni għandu jirrifletti l-valur ekonomiku reali ta' merkanzija importata u għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha ta' din il-merkanzija li għandhom valur ekonomiku (sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2013, Christodoulou *et*, C-116/12, EU:C:2013:825, punt 40, kif ukoll tas-16 ta' Ġunju 2016, EURO 2004. Hungary, C-291/15, EU:C:2016:455, punt 26).

29 L-Artikolu 78 tal-Kodiċi Doganali jippermetti lill-awtoritajiet doganali, *ex officio* jew fuq talba tad-dikjarant, li jirrevedu d-dikjarazzjoni.

30 Madankollu, għandu jitfakkar li l-każijiet fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ppermettiet aġġustament *a posteriori* tal-valur ta' tranżazzjoni huwa limitat għal sitwazzjonijiet speċifiċi relatati, b'mod partikolari, ma' nuqqas fil-kwalità tal-prodott jew ma' xogħol inferjuri nnutat wara rilaxx.

31 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li għandu jiġi ammess li, fil-każ fejn il-merkanzija li għandha tiġi evalwata, mingħajr difetti meta din inxtrat, kellha ħsara qabel ir-rilaxx tagħha, il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għandu jkun is-suġġett ta' tnaqqis proporzjonali għad-dannu subit meta dan jirrigwarda tnaqqis mhux previst tal-valur kummerċjali tal-merkanzija (sentenza tad-19 ta' Marzu 2009, Mitsui & Co. Deutschland, C-256/07, EU:C:2009:167, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas seta' kien is-suġġett ta' tnaqqis proporzjonali għat-tnaqqis fil-valur kummerċjali tal-merkanzija minħabba difett moħbi fejn kien ippruvat li dan id-difett kien preżenti qabel ir-rilaxx tagħha u li kien ta lok għal rimborsi ulterjuri bis-saħħa ta' obbligu kuntrattwali ta' garanzija, u, sussegwentement, seta' wassal għal tnaqqis ulterjuri tal-valur għal skopijiet doganali ta' din il-merkanzija (sentenza tad-19 ta' Marzu 2009, Mitsui & Co. Deutschland, C-256/07, EU:C:2009:167, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Fl-aħħar nett, għandu jiġi kkonstatat li, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ, il-Kodiċi Doganali, minn naħa, ma jimponi l-ebda obbligu fuq l-impriżi importaturi li jitolbu aġġustamenti għall-valur tat-tranżazzjoni meta dan jiġi aġġustat, *a posteriori*, 'l fuq u, min-naħa l-oħra, ma fih l-ebda dispożizzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet doganali li jipprevjenu r-riskju li l-imsemmija impriżi jitolbu biss aġġustamenti 'l isfel.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li, fil-verżjoni fis-seħħ, il-Kodiċi Doganali ma jippermettix li jittieħed inkunsiderazzjoni aġġustament *a posteriori* tal-valur ta' tranżazzjoni, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

35 Għaldaqstant, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikoli 28 sa 31 tal-Kodiċi Doganali għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jippermettux li jitqies, bħala valur għal skopijiet doganali, valur ta' tranżazzjoni miftiehem li jikkonsisti, parzjalment, minn ammont inizjalment iffatturat u ddikjarat u, parzjalment, minn aġġustament b'rata fissa li jsir wara t-tmiem tal-perijodu ta' fatturazzjoni, mingħajr ma jkun possibbli li jkun magħruf jekk, fi tmiem il-perijodu ta' fatturazzjoni, dan l-aġġustament ikunx sar 'il fuq jew 'l isfel.

### *Fuq it-tieni domanda*

36 Peress li t-tieni domanda saret biss fil-każ li tingħata risposta affermattiva għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tiġi eżaminata.

## Fuq l-ispejjeż

37 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikoli 28 sa 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 82/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 għandhom jiġu interpretati**

**fis-sens li ma jippermettux li jitqies, bħala valur għal skopijiet doganali, valur ta' tranżazzjoni miftiehem li jikkonsisti, parzjalment, minn ammont inizjalment iffatturat u ddikjarat u, parzjalment, minn aġġustament b' rata fissa li jsir wara t-tmiem tal-perijodu ta' fatturazzjoni, mingħajr ma jkun possibbli li jkun magħruf jekk, fi tmiem il-perijodu ta' fatturazzjoni, dan l-aġġustament ikunx sar 'il fuq jew 'l isfel.**

Firem